**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Filomena Bezzina Wettinger**

**Vs**

**Adrian Portelli – The Laptop Repairs Specialist**

**CCT 62/22/MM**

Illum, 30 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-27 ta' April, 2022 fejn ir-rikorrenti talbet is-somma ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) rappreżentanti mija u ħamsin ewro (€150) l-ħlas għall-monitor difettuż mixtri mingħand l-intimat, ħamsin ewro (€50) rappreżentanti spejjeż tax-xogħol ossia *labour work,* u l-bqija fl-ammont ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) kumpens għall-spejjeż ta' xiri u nstallazzjoni ta' apparat elettroniku mixtri mingħand terzi persuni.

L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

L-intimat preżenta kontro-talba fejn qed jitlob li jitħallas mingħand ir-rikorrenti l-ammont ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro (€375) rappreżentanti l-ħlas dovut għax-xogħol li għamel u kumpens morali għall-malafama li allegatament għamlet ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Serna x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi żviluppat ħsara teknika fil-monitor li kien hemm imqabbad miegħu is-sistena tac-CCTV cameras tad-dar tagħha ġewwa l-Għargħur u kienet talbet l-assistenza tal-intimat. Illi dan kien qallha li l-*monitor* kellu l-ħsara u peress li kien antik kellu jinbidel. Eventwalment kien sabilha wieħed kompatibbli mas-sistema tac-CCTV tagħha u tad-daqs li kellha bżonn u dan għall-prezz ta' mija u ħamsin ewro (€150). Illi sussegwentement il-*monitor* ma bediex jaħdem kif mistenni u l-intimat kien mar għandha u ta' dan l-intervent ħallsitu ħamsin ewro (€50). Illi tkompli tispjega li l-*monitor* ħadem għal ftit ħin iżda filgħaxija reġa ġie *screen* iswed. r-rikorrenti tgħid li sussegwentement l-intimat qallha li l-problema kienet fid-DVR u ċioe' l-apparat li jħaddem is-sistema tac-CCTV. Għalhekk hi kellha tibdel is-sistema tad-DVR inkuż ic-CCTV cameras u daħlet fi spiża ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650).

Illi l-intimat jispjega li r-rikorrenti kienet klijenta tiegħu u darba fost l-oħrajn talbitu jiċċekjala *monitor* li ma kienx qed jaħdem tajjeb. Illi l-intimat mar fuq il-post u sab li l-*monitor* kellu ħsara u ma kienx qed jaħdem u tenut kont tal-fatt li kellu ż-żmien ma kienx *worth it* li jitranġa. Illi l-intimat jispjega li offra li qabel jinxtera monitor ġdid jieħu miegħu id-DVR sabiex jikkonferma li l-apparat jaħdem fuq monitor tiegħu. Illi huwa kien għamel dan u rriżultalu li d-DVR kien tajjeb u għalhekk kien irrakkomanda lir-rikorrenti sabiex tixtri *monitor* ġdid. Illi jgħid li r-rikorrenti eventwalment xtrat *monitor* mingħandu u wara li ħaddmu u l-partijiet raw li kollox kien qed jaħdem kif mistenni, ħallas ta' xogħolu u telaq.

Illi xi żmien wara r-rikorrenti ilmentat li l-*monitor* ma kienx qed jaħdem kif mistenni u għalhekk u reġa mar għand ir-rikorrenti u fil-preżenza tagħha u ta' terza persuna ħaddem il-*monitor* mal-laptop tiegħu b'dan li ġie ppruvat li l-*monitor* ma kienx bil-ħsara. Jgħid li xi żmien wara, kien ċempillu ħaddiem tas-soċjeta' Low Voltage Installation u qallu li meta kien qiegħad iqabbad is-sistema l-ġdida tac-CCTV, il-*monitor* beda jimmarak '*signal out of range*'. L-intimat jispjega li dan ifisser li kellha titbaxxa r-*resolution* u dan stante li kien hemm *compatability issues* bejn id-DVR u l-*monitor.* Għal xi raġuni dan il-ħaddiem ma kienx kapaċi jissetja l-apparat b'suċċess. Illi fl-opinjoni tiegħu dan jew ma kienx kapaċi f'xogħolu jew inkella kellu l-ħsieb li jġiegħel lir-rikorrenti tixtri *monitor* ġdid.

Illi permezz tal-kontro-talba l-intimat qiegħad jitlob li r-rikorrenti tħallsu tax-xogħol żejjed li għamel u tikkumpensaħ tal-malafama li għamlitlu. Ir-rikorrenti oġġezzjonat għat-talbiet kif dedotti fil-kontro-talba.

**Ikkunsidra**

Illi l-partijiet xehedu u ppreżentaw spjegazzjoni dettaljata bil-miktub, għalkemm konfliġġenti, li minnhom dan it-Tribunal joħroġ dawn l-ispunti:

**1.** Illi r-rikorrenti xtrat *monitor* mingħand l-intimat.

**2.** Illi r-rikorrenti xtrat sistema diġitali li tikkonsisti f'DVR u CCTV cameras mingħand Low Voltage Installation, li m'hijiet parti minn din il-kawża.

**3.** Illi r-rikorrenti qed tippretendi li l-intimat jiġi ordnat iħallasha kumpens li jinkludi l-prezz totali tas-sistemi minxtrija mingħand Low Voltage Installation.

**4.**Illi ħlief għall-kelma tagħhom ma hemm l-ebda prova dokumentarja li tissostanza l-verzjoni tar-rikorrenti li effettivament il-*monitor* jew id-DVR kienu difettużi u dan stante li ma ġiex preżentat rapport tekniku *ex parte* u lanqas ġie mitlub li dan it-Tribunal jaħtar espert sabiex jeżamina l-apparat u jirrelata.

**5.**It-Tribunal josserva li l-partijiet naqsu li jagħmlu kontro-eżamijiet lil xulxin li x'aktarx kien opportun li jsir stante li l-mertu jolqot ċirkostanzi li dwarhom m'hemmx provi dokumentarji.

**Ikkunsidra**

Wara li sema' u ra l-provi kollha, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-partijiet kienu jafu lil xulxin qabel ma ġara l-episodju mertu tal-kawża odjerna u li bejniethom kien hemm relazzjoni tajba. It-Tribunal, quddiemu għandu żewġ verzjonijiet kontrastanti u sabiex jasal għall-konkluzjoni ġusta u ekwa huwa ha jkollu jgħarbel sewwa l-provi kollha miġjuba quddiemu.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehema li hija aktar attendibbli u kredibbli l-versjoni tal-intimat. Illi m'huwiex kontestat li r-rikorrenti kienet fetħet proċedura kontra l-intimat fejn l-ilment prinċipali kien li l-*monitor* mixtri mingħand l-intimat kien difettuż. Illi wara li l-intimat mar għandha u pprova għas-sodisfazzjon tagħha li l-*monitor* ma kellux difetti, l-istess rikorrenti għalqet il-proċeduri. Illi għalkemm ma ġewx esebiti f'din il-kawża kopja tal-proċedura l-oħra, biss, ir-rikorrenti fl-ebda stadju tal-proċeduri ma kkontestat din id-dikjarazzjoni. Illi għalhekk it-Tribunal ser jemmen li l-*monitor* ma kellux difett. Illi dan jikkontrasta bil-kbir max-xhiedha tar-rikorrenti fejn qalet li ftit tal-ħin wara li l-intimat issetja l-monitor, dan reġa telaq u beda juri *screen* iswed. Illi kieku dan kien minnu, r-

rikorrenti ma kinietx tirtira l-ewwel proċedura miftuħa quddiem il-Tribunal għall-Konsumatur.

Illi fl-istess waqt huwa evidenti li filwaqt li r-rikorrenti tgħid li ma tifhimx f'dan l-apparat mertu tal-kawża odjerna, fl-istess waqt targumenta li l-intimat ma jifhimx fic-CCTV għax xogħolu kien fuq il-kompjuters u saħansitra tagħmel allegazzjonijiet li m'humiex sostanzjati mingħajr l-ebda xrara ta' provi, fosthom li l-intimat seta' għamel xi ħsara jew bagħbas xi ħaġa fid-DVR meta dan kien għadnu. Illi dan l-istes argument jimmilita kontra ;-istess rikorrenti stante li kienet hi stess li volontarjament aċċettat li l-intimat jieħu d-DVR fil-*workshop* tiegħu biess jeżaminah u sa dak il-ħin ma kinietx qed tikkontesta l-kapaċitajiet tiegħu.

Illi għar-rigward tas-sistema ta' CCTV, dan it-Tribunal ma jsibx li hemm provi li jirriżulta xi ness ta' responsabilita' bejn il-ħsara fid-DVR u CCTV u l-intimat u għalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi riżarċiment mingħand l-intimati billi ma rnexxilix tipprova li tali danni kienu riżultat tal-aġir dirett jew kontributorju tiegħu. Id-deċiżjoni tar-rikorrenti li tixtri sistema ġdida ta' CCTV kienet waħda tagħha u ma jidhirx li qabel għamlet dan il-pass ħadet parir professjonali mingħad terzi, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-intimat liem immedjatament spjega li kellu dubju fil-ħiliet tar-rappreżentant tas-soċjeta' Low Voltage Installation. Illi bħal ma fl-ewwel okkażjoni meta riedet tixtri l-*monitor*, l-intimata fittxet l-aħjar offerta fis-suq u finalment għażlet l-offerta tal-intimat peress li dan kien kompatibbli mas-sistema tagħha, fl-istess waqt qabel ma tidħol għal spiża ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) kellha taċċerta ruħha li s-sistema kienet verament bil-ħsara. Illi f'każ li jirriżultalha li s-sistema kienet bil-ħsara u ma setatx tittranġa, r-rikorrenti kien ikollha idea aħjar ta' x'wassal għall-ħsara u din kienet tista' tkun ta' prova għaliha fl-ilment kontra l-intimat, li kien hu responsabbli għall-ħsara fid-DVR. Illi f'każ li kien jirriżulta li d-DVR kien tajjeb, kien ikun aktar għaqli li r-rikorrenti teżerċita d-drittijiet tagħha naxxenti mill-garanzija tal-

prodott u fin-nuqqas tixtri *monitor* ġdid li jiswa ħafna inqas mis-sistema tac-CCTV b'riserva għall-azzjoni idoneja fil-konfront tal-intimat. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma li d-deċiżjoni tar-rikorrenti li tixtri sistema ta' CCTV ġdida kienet waħda magħġġla u kapriċċuża.

Illi fuq kollox, il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur". A tenur tal-artikolu 74 et seq. ta' dan l-Att:

**(1)** Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

**(2)** Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

**(a)** li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

**(b)** li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

**(1)** Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

**(2)** Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

**(a)** il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

**(b)** xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

**(ċ)** jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(3)** Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

**(1)** Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –

**(a)** meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

**(b)** jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

**(ċ)** jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(2)** Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni talkuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

Illi fil-kawża odjerna, r-rikorrenti talbet mill-ewwel għar-rexxissjoni tal-kuntratt, meta f'każ li l-*monitor* kien difettuż, kellha l-ewwel tagħti opportunita' lill-intimat sabiex jirranġa l-*monitor* jew jibdlu. Illi stante li t-Tribunal huwa tal-fehema li l-*monitor* ma kienx difettuż, fuq dan il-punt ser jieqaf hawn.

It-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatt mill-argumenti tar-rikorrenti u fuq bilanċ ta' probabbilita jidhirlu li l-linja difensjonali tal-intimat hija iktar verosimili jew plawsibbli. Madanakollu għar-rigward tal-kontotalba, it-Tribunal ser jillimita

d-deċiżjoni tiegħu għall-kompetenza tat-Tribunal u għalhekk ser jilqa' t-talba għall-ħlas tax-xogħol li sar mill-intimat.

**DECIDE**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' limitatament il-kontro-talba u jordna lir-rikorrenti tħallas lill-intimat is-somma ta' ħamsin ewro (€50) rappreżentanti l-ħlas dovut għax-xogħol li għamel u dan fi żmien ġimgħatejn mil-lum.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Martha Mifsud LL.D.**

**Arbitru**